**Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr Leonard Caruana LL.D (Melit.) M.A. (Fin. Serv.)**

Illum, 05 ta' Awwissu, 2023

**Il-Pulizija**
(Spettur Kurt Xerri)

**vs**

**Rejina Acharya**
**(Permess ta Residenza Malti Numru 0257876A)**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-akkużata **Rejina Acharya**, ta' 30 sena, bint Tulsi Ram Jaisi u Sumitra Jaisi, imwielda Baglung, fis-26 ta' Jannar 1993, residenti ġewwa 61, Borg's Flats, Fl 1, Psaila Street, Birkirkara, Malta u detentriċi ta' Permess ta Residenza Malti numru 0257876A u tal-Passaport Nepali bin-numru 10900698, u akkużata talli bejn iż-żmien tal-1 ta' Lulju 2023 u l-4 ta' Awwissu 2023, min ġewwa r-residenza 72, Triq Wied l-Għollieqa, San Ġwann, ikkomettiet serq ta' żewġt '*air pods pro'*, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur peress li huwa aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) li pero' ma jeċċedix elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) u bil-

persuna, u bil-lok u dan għad-detriment ta' Massimiliano Vella u Gabrielle Marie Vella u/jew persuni oħra

Il-Qorti kienet ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużata għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li fis-seduta tal-lum stess l-akkużata irreġistrat ammissjoni għall-akkużi kollha dedotti kontra tagħha u fid-dawl ta' din l-ammissjoni il-Qorti wissietha b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba u ngħatat żmien xieraq sabiex, jekk trid, terġa' lura minnha.

Rat id-dokumenti kollha;

Semgħet lill-akkużata tikkonferma l-ammissjoni tagħha.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża rigwardanti l-piena;

Ikkunsidrat:-

Illi l-akkużata hija impjegata bħala *cleaner* ma ditta lokali u kienet addetta sabiex tnaddaf fid-dar tal-parte civile. Filfatt kienet tmur darba fil-ġimgħa għal dawn l-aħħar ftit xhur. Il-parte ċivile nnotaw li kellhom sett ta *air pods nieqsin* u meta għamlu *tracking* tagħhom dawn bdew jimmarkaw li kienu fir-residenza tal-akkużata ġewwa Birkirkara. Il-parte ċivile, flimkien ma' rappreżentant tad-ditta, marru fir-residenza tal-akkużata fejn hemmhekk tathom l-*air pods* in kwistjoni. Huma komplew isaqsuha jekk kellhiex oġġetti oħra tagħhom u wara ftit insistenza ħarġitilhom it-tieni sett ta' *air pods* li wkoll kien propjetà tagħhom. Il-parte ċivile irrapportaw dan kollu u l-pulizija arrestaw lill-akkużata. Hija rrilaxxat stqarrija fejn qalet li waqt li kienet qed tnaddaf id-dar, sabet l-imsemmija *air pods* ma' l-art u poġġiethom fil-but biex ittihomlhom aktar tard, però nsiethom fil-but u kienet ser ittihomlhom d-darba ta' wara.

Ikkonsidrat;

Illi l-akkużata ammettiet l-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tagħha llum stess fl-ewwel dehra quddiem dina l-Qorti. Għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tagħha, il-Qorti m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-akkużata ħatja tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tagħha kif minnha ammessi.

Illi fir-rigward tal-piena, il-Qorti semgħet illi l-akkużata irritornat lura l-*air pods* misruqa. Rat illi l-fedina penali tal-akkużata hija waħda nadifa u li għalkemm ilha f'Malta għal madwar ħdax-il xahar, din kienet l-ewwel darba li kisret difrejha mal-liġi. Hija skużat ruħha fil-Qorti u fehmet li għamlet ħażin. Min-naħa l-oħra, l-ażżjoni magħmulha mill-akkużata jattakkaw direttament is-sens ta' fiduċja u sigurtà li l-parte ċivile kellhom fid-dar u għall-affarijiet tagħhom. Din il-fiduċja bejn  Din il-fiduċja bejn seftur u sid tant hija sagrosanta fil-liġi tagħna illi serq magħmul f'dan iċ-ċirkostanzi jġib miegħu kwalifika distinta, ċioè dik ta' serq kwalifikat bil-persuna. L-istess jista' jingħad għal serq li jitwettaq minn residenza: tant hija sagrosanta r-residenza ta' persuna illi tali serq jikkostitwixxi wkoll il-kwalifika distinta tal-"lok".

Din il-Qorti hija tal-fehma li għalkemm sentenza ta' priġunerija effettiva m'hijiex konsiljabbli f'dawn iċ-ċirkostanzi, il-kwalità tal-piena għandha tkun tali li tirrifletti s-serjetà tal-atti mwettqa mill-akkużata.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l-artikoli 20, 261(ċ)(d)(e), 267, 268(a), 269(g), 279(a), 280(1), 337(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li semgħet l-ammissjoni inkondizzjonata tagħha, qed issib lil **Rejina Acharya <u>ħatja</u>** tal-akkużi kollha dedotti kontra tagħha u wara li rat l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta qed tillibera lill-ħatja bil-kondizzjoni li ma twettaqx reat ieħor fi żmien **<u>tlett (3) snin</u>** mid-data ta' din is-sentenza.

Ai termini ta' l-Artikolu 22(3) tal-Kap.446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-ħatja bi kliem li jinftiehem li jekk tagħmel xi reat ieħor matul il-perjodu ta' liberazzjoni

kondizzjonata, hija tkun tista' tingħata sentenza għar-reat oriġinali li ġiet akkużata bih f'dan il-każ kif ukoll għal dawk ir-reati li tagħhom tkun instabet ħatja.

Illi finalment il-Qorti tqis li m'hemmx ħtieġa ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta peress li f'dan il-każ ma kien hemm ebda ħtieġa ta' ħatra ta' esperti.

**Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv).**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**